

Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-8 ta' Novembru 2007 — Ir-Renju tal-Belġju vs Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej

(Kawża C-242/07 P) ⁽¹⁾

(Appell — Terminu tar-rikors — Artikolu 43(6) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Prim'Istanza — Oriġinal tar-rikors ippreżentat wara l-iskadenza tat-terminu stabbilit — Inammissibbiltà — Kunċett ta' "żball skużabbli" — Kunċett ta' "każ fortuwitu")

(2008/C 22/36)

Lingwa tal-kawża: Il-Franċiż

Partijiet

Appellant: Ir-Renju tal-Belġju (rappreżentanti: L. Van den Broeck, aġent, J.-P. Buyle u C. Steyaert, avukati)

Parti oħra fil-kawża: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: L. Flynn u A. Steiblytė, aġenti)

Suġġett

Appell mid-digriet tal-Qorti tal-Prim'Istanza (Ir-Raba' Awla) tal-15 ta' Marzu 2007, Il-Belġju vs Il-Kummissjoni (T-5/07), li permezz tiegħu il-Qorti tal-Prim'Istanza ċaħdet bħala inammissibbli, minħabba li ġie mressaq tard, ir-rikors ta' l-appellant għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-18 ta' Ottubru 2006, li tirrifjuta li tagħtih lura s-somma prinċipali mħallsa minnu u l-interessi imħallsa fir-rigward ta' dejn mal-Fond Soċjali Ewropew — Termini ta' rikors u termini sabiex jiġi ppreżentat l-oriġinal mibgħut minn qabel permezz ta' faks — Kunċetti ta' każ fortuwitu u ta' żball skużabbli

Dispożittiv

1) L-appell huwa miċħud.

2) Ir-Renju tal-Belġju huwa ordnat ibati l-ispejjeż.

⁽¹⁾ ĠU C 170, 21.7.2007.

Appell imressaq fit-13 ta' Diċembru 2007 minn Carlos Correia de Matos kontra d-digriet mogħti fis-27 ta' Settembru 2007 mill-Qorti tal-Prim'Istanza (L-Ewwel Awla) fil-Kawża T-440/05, Carlos Correia de Matos vs Il-Parlament Ewropew

(Kawża C-502/06 P)

(2008/C 22/37)

Lingwa tal-kawża: Il-Portugiż

Partijiet

Rikorrent: Carlos Correia de Matos

Parti oħra fil-kawża: Il-Parlament Ewropew

Permezz tad-digriet tal-21 ta' Novembru 2007, tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tmien Awla) iddeċidiet li r-rikors huwa inammissibbli.

Appell imressaq fl-24 ta' Settembru 2007 mill-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej kontra s-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza (Ir-Raba' Awla Estiża) mogħtija fil-11 ta' Lulju 2007 fil-kawża T-351/03 (Schneider Electric SA vs Il-Kummissjoni)

(Kawża C-440/07 P)

(2008/C 22/38)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrenti: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: M. Petite u F. Arbault, aġenti)

Partijiet oħra fil-kawża: Schneider Electric SA, Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, Ir-Repubblika Franċiża

Talbiet

— tannulla s-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Prim'Istanza tal-Komunitajiet Ewropej fil-11 ta' Lulju 2007, fil-kawża T-351/03, Schneider Electric SA vs Il-Kummissjoni;

— tikkundanna lil Schneider Electric SA tbat l-ispejjeż kollha sostnuti mill-Kummissjoni.

Motivi u argumenti prinċipali

Billi tfakkar, l-ewwel nett, li tliet kundizzjonijiet kumulattivi huma neċessarji sabiex ikun hemm responsabbiltà mhux kuntrattwali tal-Komunità, jiġifieri, rispettivament, l-eżistenza ta' nuqqas, dik ta' dannu reali u ċert u rabta kawżali bejn in-nuqqas u d-dannu, ir-rikorrenti tqajjem seba' motivi in sostenn ta' l-appell tagħha.